# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 28 ta' Mejju 2001**

**Numru 4**

**Avviz. numru 480/96mm**

**Aldo Portelli**

**vs**

**George Portelli**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-attur fis-17 ta' Gunju 1996 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta' mitejn u wiehed u ghoxrin lira (Lm221) li tirrapprezenta bilanc minnu lilu dovut in konsiderazzjoni tal-konteggi finali imnisslin minn diversi transazzjonijiet li kellhom bejniethom.

Bl-ispejjez, inkluzi dik ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Ottubru, 1995 u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. li l-azzjoni hi preskritta, stante li l-partijiet ilhom ma jinnegozjaw flimkien sbatax-il sena.

2. Li l-avviz odjern hu null billi ma jindikax b'mod car il-pretensjoni ta' l-attur.

3. Illi f'kull kaz il-konvenut m'ghandu jaghti xejn lill-attur.

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti tad-9 ta’ Marzu,1998 u dik tal-Qorti ta’ l-Appell ta’ 15 ta’ April 1999.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi bis-sentenza taghha fuq imsemmija tal-15 ta’ April 1999 l-Qorti ta’ l-Appell annullat is-sentenza ta’ din il-Qorti tad-9 ta’ Marzu,1998, peress illi ma kienetx proceduralment korretta illi di proprio ghazlet artikolu ta’ preskrizzjoni li ma giex identifikat mill-konvenut.

Din il-Qorti taqbel mad-decizzjoni milhuqa mill-Qorti ta’ l-Appell u taghmel referenza ghal gurisprudenza kkwotata mill-istess Qorti. Fil-fatt fil-kawza ripurtata Vol XL pt 1 pg 166 il-Qorti qalet “… il-Qorti ma tistax tapplika preskrizzjoni ex ufficio; ghax l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni biex il-Qorti tikkunsidraha jehtieg

tkun specifika mill-eccipjent u mhux bizzejjed li l-eccipjent ighid li jaghti l-eccezzjoni ta' kwalunkwe preskrizzjoni ohra skond il-Ligi".

Minkejja dan u dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell meta din il-Qorti giet biex terga taghti s-sentenza taghha, l-konvenut baqa ma specifikax l-eccezzjoni illi huwa jrid iqajjem fil-konfront ta' l-azzjoni attrici. Ghalhekk abbazi tal-gurisprudenza gia kkwotata u dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell, din il-Qorti ma tistax tikkunsidra din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni maghmula mill-konvenut u ghalhekk tichad din l-istess eccezzjoni u tghaddi biex tikkonsidra l-meritu.

Ghal dak illi huwa l-meritu l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha tad-9 ta' Marzu,1998 specifikament fejn irrimarkat dwar ir-relazzjonijiet illi kien hemm bejn il-partijiet. Dawn ir-relazzjonijiet kienu jmorru lura fiz-zmien u kien hemm hafna operazzjonijiet kummercjali bejniethom. Jidher illi b'kuntratt in atti Nutar Gatt tat-28 ta' Dicembru 1979 il-konvenut nqata mill-bqija ta' hutu fis-socjetajiet b'responsabilita' limitata, pero' minkejja dan kien ghad fadal xi proprjeta' in komun li baqghet tigi amministrata mill-attur. Hemm ukoll socjeta' bl-isem ta' Portelli Brothers illi jidher illi ghada tezisti sallum. Din is-socjeta' pero' mhijiex wahda ta' responsabbilta' limitata u ghalhekk is-socji ta' din l-azjenda jibqghu responsabbli personalment. Il-Qorti jidhrilha ghalhekk illi l-attur kellu ragun illi jfittex personalment lill-konvenut George Portelli ghal dawn l-ammonti illi qed jitlob f'dan l-avviz.

L-atturipprezenta rendikont ta' dan l-ammont illi qed jitlob, liema rendikont jiggustifika l-operazzjoni tieghu ta' amministratur tal-beni in komun. Din ic-cifra ta' mitejn u wiehed u ghoxrin lira (Lm221) hija wkoll gustifikata tramite d-dokumenti illi l-attur ipprezenta illi ma gewx ikkontestati mill-konvenut. L-unika haga illi l-konvenut qieghed ighid hija illi apparti dawn l-ammonti hemm xi flus ohra dovuti lilu illi pero' jrid l-ewwel jara l-kunteggi kollha qabel ma jhallas dan l-ammont dovut lill-attur. Il-konvenut ighid illi huwa mhuwiex f'posizzjoni illi jagixxi kontra l-attur peress illi d-dokumenti u l-kotba ta' l-azjenda qieghdin kollha f'idejh u ghalhekk ma jistax jiehu azzjoni peress illi ma ghandhux id-dokumenti necessarji. Bir-rispett il-Qorti ma jidhirliex illi dina hija xi gustifikazzjoni sabiex izomm il-pagament dovut lill-attur. Naturalment il-konvenut ghandu mezzi ohra skond il-ligi sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu u jiddependi minnu jekk dawn id-drittijiet juzahhomx jew le. F'dan il-kaz pero' l-Qorti jidhrilha illi l-attur iggustifika l-pretenzjoni tieghu. Id-dokument a fol 24 huwa car bizzejjed u ma jhalli l-ebda lok ghall-interpretazzjoni.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenut li jhallsu l-ammont ta' mitejn wiehed u ghoxrin lira (Lm221) li tirrappresenta l-bilanc minnu dovut in konsiderazzjoni tal-konteggi finali imnisslin minn diversi transazzjonijiet illi kellhom bejniethom. Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit/Dep Reg